# Rapport tar-Restawr tal-Kwadru Titulari tal-Knisja l-Antika ta' Santa Venera

minn Roderick Abela - Restawratur

## Deskrizzjoni

Dan il-kwadru jinsab isebbaħ l-artal maġġur tal-Knisja Parrokkjali l-antika ta' Santa Venera. L-awtur tiegħu mhux magħruf għalkemm il-kwadru jirrifletti l-istil tal-perjodu li sar fih. Dan sar fis-seklu sbatax minn artist lokali fuq stil barokk lokali.



Il-figura prinċipali turi lill-qaddisa Venera li hija pożizzjonata fiċ-ċentru tal-kwadru b'ħarsitha lejn is-sema u bil-palma fuq ktieb li jinsabu fuq il-ġenb tagħha mal-art. Fil-parti ta' fuq, l-artista pitter ix-xbiha tal-Madonna bil-Bambin u fuq in-





naħa l-oħra pitter ix-xbiha ta' Sant'Anna. Ma' dawn fuq kull naħa naraw żewġ pari ta' puttini.

Fuq l-isfond naraw xena mill-predikazzjoni tal-qaddisa lill-popolin. Jidher ukoll fdal ta' bini klassiku.



## Kundizzjoni

*The painting has been executed with pigments bound in an oil medium applied on a brownish red preparation layer, on a medium thick taddy-weave canvas. The painting has been previously lined with a jute canvas and streched onto a wooden strecher frame (with two horizontal-crossbars). There are two gilt tin crowns inserted into the painting at the level of the Virgin's and St Ann's Forehead.*

Il-kwadru kien espost għal trabijiet li akkumulaw mal-mogħdija taż-żmien fuq il-pittura. It-tilar li fuqu kienet miġbuda t-tila kien beda jċedi u għalhekk beda jikkawża deformità fil-pittura. It-tila kellha żewġ toqob fuq ras il-figura tal-qaddisa u fuq il-widna. Dawn seta' saru biex jitwaħħlu elementi ta' dekorazzjoni. Toqob simili kienu jidhru wkoll fuq ras ix-xbiha tal-Bambin, il-Madonna u Sant'Anna.

Kienu jidhru wkoll diversi toqob ikkawżati mill-kundizzjoni li kienet tinsab fiha t-tila. Kienu jidhru wkoll fdalijiet ta' żebgħa li tqegħdet wara fuq il-pittura u passata verniċ safrani li kien jgħatti l-pittura kollha. Ma' dan il-kwadru kellu wkoll diversi tbajja' akkumulata matul is-snin u fuq in-naħa ta' wara nstabu diversi bċejjeċ ta' karti li setgħu twaħħlu f'xi restawr preċedenti.

It-tilar minn wara jidher li kien inbidel u għadu fi stat ta' konservazzjoni tajba ħafna. Fuqu instabet skrizzjoni ddatata li tista' tkun ta' meta sar l-aħħar restawr.

## Trattament

Wara li l-kwadru kien dokumentat u fotografat sar studju fuq it-tip ta' restawr li kellu bżonn. Ittieħdu wkoll ritratti *infra red* biex seta' jkun magħruf jekk kienx fih xi partijiet mgħottija u liema teknika kien uża l-awtur biex ħadem dan il-kwadru. Tneħħew bir-reqqa ż-żewġ kuruni li kienu fil-parti ta' fuq biex jiġi evitat iktar ħsara li dawn kienu qegħdin jikkaġunaw.

Bdew jitnaddfu partijiet biex jinstab l-aħjar sistema ta' tindif. Saret taħlita ta' *hydrocarbon* għat-tindif u wara ntuża wkoll l-alkoħol.

Wara li kien lest it-tindif beda x-xogħol biex it-tila terġa' tkun stirata kif suppost. It-tila ingħatat diversi applikazzjonijiet ta' konsolidanti. Intużat ukoll kolla organika li kienet ippreparata fil-laboratorju tar-*ReCoop*. It-tila kienet stirata fuq *frame* tal-metall li sar apposta biex tkompla l-proċess ta' *re-lining*.

Wara, it-tila reġgħet kienet imqiegħda fuq it-tilar oriġinali tagħha wara li dan kien trattat u konservat. Wara dan kollu reġgħet ingħatat tindifa superfiċjali lill-pittura.

Issa kien imiss li jimtlew dawk il-partijiet li kienu neqsin u wara ngħata passata verniċ trasparenti biex jipproteġi l-pittura.

## Lura fil-Post

Huwa irrakomandat li l-kwadru ma jkunx espost għal dawl qawwi jew għal raġġi tax-xemx. Kemm jista' jkun it-temperatura ambjentali tinżamm stabbli u minn żmien għal żmien jitnaddaf minn trab li jista' jiddepożita ruħu fuqu.